

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

1.10.2008

B6-0526

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

impressqa wara l-mistoqsija li titlob tweġiba orali B6-467/2008

skond l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Michel Rocard, Véronique De Keyser u Libor Rouček

f'isem il-Grupp PSE

dwar il-governanza Artika

**B6-0526**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-governanza Artika**

*Il-Parlament Ewropew,*

- b'rigward għas-Sena Polari Internazzjonali (Marzu 2007 - Marzu 2009),
  - sakemm fil-ħarifa toħroġ il-komunikazzjoni mħabbra mill-Kummissjoni dwar il-politika Artika,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea" (magħrufa bħala Blue Book), ippublikata fl-10 ta' Ottubru 2007,
  - wara li kkunsidra r-rapport intitolat "Il-Bidla fil-Klima u s-Sigurtà Internazzjonali" ippublikat fl-14 ta' Marzu 2008 mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni għall-attenzjoni tal-Kunsill Ewropew,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tal-2003, l-2005 u l-2006 dwar id-dimensjoni Nordika,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Marittima (UNCLOS), li għadha ma ġietx ratifikata mis-Senat tal-Istati Uniti,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tar-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-impatt klimatiku tal-Artiku,
  - wara li kkunsidra l-ħidma tat-Tmien Konferenza tal-Parlamentari tar-Reġjun Artiku, li saret f'Fairbanks, l-Alaska, fit-12, 13 u 14 t'Awissu 2008,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ilulissat adottata mill-"pajjiżi A5" (id-Danimarka, il-Kanada, in-Norveġja, ir-Russja u l-Istati Uniti) f'Mejju 2008,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-President fil-konferenza organizzata mill-Kunsill Nordiku tal-Ministri f'Ilulissat (Greenland) nhar id-9 u l-10 ta' Settembru 2008, dwar it-tema "L-Artiku: il-preokkupazzjoni komuni tagħna", li għaliha l-Kummissjoni ipparteċipat kompletament,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 108 (5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-importanza ġeopolitika u strateġika tar-reġjun Artiku qegħda dejjem tikber, fatt li hu ssimbolizzat mit-tqegħid tal-bandiera Russa f'qiegħ il-baħar taħt il-Pol tat-Tramuntana f'Awissu 2007,
- B. billi l-konferenza ta' dan l-aħħar tal-Parlamentari tar-reġjun Artiku ġabret ir-rappreżentanti eletti tal-Parlament Ewropew, tal-Kanada, tad-Danimarka, ta' Greenland, ta' Iċeland, tal-Finlandja, tan-Norveġja, tal-Iżvezja, tar-Russja u tal-Istati Uniti bl-għan li jiġu diskussi l-

problemi dwar is-sigurtà marittima, is-saħħa, il-ħarsien ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli,

- C. billi r-reġjun Artiku attwalment mhu gvernat minn ebda norma jew regola multilaterali, peress li qatt ma kien mistenni li kien se jsir rotta marittima navigabbli jew żona ta' sfruttar kummerċjali,
- D. billi t-traffiku marittimu fl-ilmijiet Artiċi żdied b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin, minħabba l-interess dejjem jikber għall-riggs taż-żejt fil-baħar minn naħa, u minħabba t-tranżitu, aktar u aktar frekwenti, ta' vapuri kummerċjali jew għall-kruċieri mill-"Passaġġ tal-Majjistral" min-naħa l-oħra,
- E. billi r-reġjun Artiku jista' jkollu madwar 20% tar-riżervi dinjin ta' gass u żejt li għad fadal x'jiġu skoperti,
- F. billi l-Unjoni Ewropea tgħodd fost l-Istati Membri tagħha tliet nazzjonijiet tar-Reġjun Artiku, u billi, fost il-ġirien tagħha li magħhom għandha relazzjonijiet mill-qrib u li jieħdu sehem fis-suq intern permezz tal-Ftehma ŻEE, hemm żewġ nazzjonijiet Artiċi oħrajn, u dan jimplika li l-Unjoni Ewropea u l-Istati assoċjati magħha jinkludu aktar min-nofs il-membri tal-Kunsill Artiku,
- G. billi l-konferenza ta' dan il-Kunsill diġà kienet imħassba dwar il-bidla tal-klima fir-reġjun, l-effetti tagħhom fuq il-popolazzjonijiet indiġeni u t-tibdil li jista' jkun li ġgħib magħha,
- H. billi r-rata ta' tisħin globali fir-Reġjun Artiku hija ħafna akbar minn dik fil-bqija tad-dinja, speċifikament +2° waqt is-seklu li għadda, meta mqabbla mal-medja ta' 0.6° kullimkien apparti,
- I. billi t-tibdil tal-kundizzjonijiet klimatiċi fir-reġjun Artiku diġà huwa tali li l-Inuits, pereżempju, daqt mhux se jkunu jistgħu jkomplu jikkaċċjaw bil-mod tradizzjonali peress li s-silġ sar fin wisq biex jiflaħ l-islitti tagħhom, waqt li l-fawna salvaġġa, bħall-ors polari, il-walrus u l-volpi, qegħdin fil-periklu li jaraw l-ambjent naturali tagħhom jisparixxi,
  1. Jinsab fundament imħasseb dwar l-effetti tal-bidla fil-klima fuq il-ħajja tal-popli nattivi fir-reġjun, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent b'mod ġenerali (l-għata polari li qed iddub, il-permafrost li qed jinħall, iż-żieda fil-livell tal-baħar, l-għargħar), u kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mad-diversità bijoloġika (it-tnaqqis tal-għata polari qed jhedded is-sistema alimentari tal-ors polari), u jenfasizza li kull deċiżjoni internazzjonali li turrigwarda dawn il-problemi għandha tittieħed waqt li jitqiesu l-persuni u n-nazzjonijiet kollha tar-reġjun Artiku;
  2. Jilqa' r-rapport tal-konklużjonijiet adottati mill-Konferenza tal-Parlamentari tar-reġjun Artiku, f'Fairbanks, nhar l-14 ta' Awissu 2008;
  3. Jifraħ bil-fatt li t-Tramuntana mbiegħda ġiet inkluża fil-politika tad-"Dimensjoni Nordika" tal-Unjoni Ewropea, imma jinsab konvint li s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tar-reġjun Artiku f'kuntast globali għandha tittieħed aktar 'il bogħod, u jitlob li jkun hemm politika Artika Ewropea differenzjata;
  4. Jenfasizza l-importanza tar-reġjun Artiku għall-klima globali u jittama li l-appoġġ attwali

li qed jingħata lill-attivitajiet ta' riċerka f'din ir-reġjun ikompli wara s-Sena Polari Internazzjonali;

5. Jistenna b'interess kbir il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika Artika u jittama li tqiegħed il-pedamenti ta' politika Artika sinifikattiva fi ħdan l-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni biex, għall-inqas, taffronta l-problemi li ġejjin fil-Komunikazzjoni tagħha:
  - a. is-sitwazzjoni attwali tal-bidla fil-klima fir-reġjun, u l-miżuri li għandhom jiġu implimentati bħala rispons għaliha,
  - b. l-għażliet politiċi li jirrispettaw lill-popolazzjonijiet indiġini u l-mod kif jgħixu,
  - c. il-bżonn ta' koperazzjoni mal-ġirien Artiċi tagħna dwar il-problemi transkonfinali u, b'mod partikulari, dwar is-sigurtà marittima,
  - d. l-esplorazzjoni tal-għażliet għal struttura politika transkonfinali għall-ġejjieni, informali jew legali, li tkun tista' sservi għall-ħarsien tal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli rikjesti għar-reġjun, jew li tkun tista' sservi ta' intermedjarju fil-konfront politiku fir-rigward tar-riżorsi u r-rotot marittimi navigabbli fit-Tramuntana mbiegħda,
  - e. ir-riskji marbuta mal-utilizz eventwali tal-Artiku għal finijiet strateġiċi jew militari, u l-bżonn li l-Oċean Artiku jsir żona demilitarizzata u denuklearizzata;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-aġenda tagħha iddaħħal il-politika tal-enerġija u tas-sigurtà fir-reġjun Artiku, u biex tipproponi t-temi u l-proċeduri għall-ħidma komuni li hemm bżonn bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Artiċi, fl-oqsma tal-bidla fil-klima, tal-iżvilupp sostenibbli u tas-sigurtà marittima, b'mod speċifiku;
7. Jikkunsidra li t-traffiku marittimu fir-reġjun (kummerċjali, turistiku u dak relatat mar-riggijiet taż-żejt fil-baħar) għandu jkun regolat minn ammont minimu ta' regoli internazzjonali – fuq l-eżempju ta' dawk fis-seħħ f'ilmijiet internazzjonali oħra – u jagħti parir ħerqan lill-Kummissjoni biex tnejji u tappoġġja sa kemm ikun possibbli l-emendi xierqa għar-regolamenti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima;
8. Jenfasizza l-aspetti esterni tal-politika tal-enerġija, u l-irwol tar-reġjun Artiku fit-tiswir tal-Politika Enerġetika għall-Ewropa, kif ġie propost mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007;
9. Jappoġġja lill-Kunsill Artiku biex ir-Reġjun Artiku jinżamm bħala reġjun ta' tensjoni baxxi u biex tinfetaħ koperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka;
10. Jagħti parir ħerqan lill-Kummissjoni Ewropea biex tiegħu rwol attiv fir-reġjun Artiku, speċifikament billi tiegħu l-pożizzjoni ta' "osservatur" fil-Kunsill Artiku, u billi twaqqaf uffiċċju dedikat għar-reġjun Artiku;
11. Jissuġerixxi bis-saħħa fl-aħħar nett lill-Kummissjoni biex tnejji l-ftuħ ta' negozjati internazzjonali intenzjonati biex jitfassal u jiġi adottat Trattat Internazzjonali għall-protezzjoni tal-Artiku, kif jeżisti wieħed għall-Antartiku (it-Trattat ta' Madrid, 1993);
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lin-Norveġja, lil Iċeland, lir-Russja, lill-Kanada u lill-Istati Uniti u anke lil dawk li jipparteċipaw fil-koperazzjoni reġjonali.